MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Numru. 399/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**Vs**

**Abdi Haashi Mohammed ta' 28 sena, imwielda Somalia nhar l-01/01/1985, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 66094A u residenti gewwa Hanger Open Centre, Hal-Far.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fis-26 ta' April, 2013, ghal habta tat-tmienja ta' filghodu (08:00hrs), gewwa Misrah Kastilja, Valletta, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz,

jew bil-hsieb li jbezzgha jew li tinfluwixi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb fuq PS1330 Alexander Schembri u PC1086 Paul Abdilla,li hija vjolena pubblika, li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waddab gebla biex jikkaguna feriti fuq PS1330 Alexander Schembri u PC1068 Paul Abdilla, liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u barra mill-voplonta tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubbolika b’ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi nadifa tieghu u l-fatt illi iddispjacieh ghall-incident u skuza ruhu mal-ufficjali tal-pulizija involuti.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sena prigunerija liema perjodu ta’ prigunerija b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigi sospiz ghal zmien erba’ snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------